

# Il-Ħobbejża

Poeżija ta’ Ġorġ Żammit

Preżentazzjoni mħejjija minn Claudette Aquilina


Kemm drabi, tul is-seħer
Ferrieħ tal-ewwel żmien
Tifel, ma’ tfal, ħriġt nimraħ
Fl-għelieqi, fil-widien!


Kemm xtieli tal-ħobbejża
Ħadnielhom il-qalbiet,
Għax dawk il-qliebi kellhom
Togħmithom tas-smewwiet!

Ftit ilu, ħriġt, u s-seħer

Fittixt, ta’ dak iż-żmien;

Stħajjiltni tifel, nimraħ

Ma’ sħabi, fil-widien:



Tifel, ma’ dawk li bħali
Tal-ħajja ġarrbu t-triq;
U xuxthom qed tiżżewwaq
Bis-silġ taż-żmien qarrieq.




Ħobbejża kollha qliebi
Maġenb il-wied ilmaħt;
Fil-baħar tat-tifkira
Sibt ruħi ngħum fil-waqt.


Ersaqt u kilt.  Jaħasra!
Fejn marru s-sħarijiet
Ta’ dik ix-xitla mżejna
Bit-togħma tas-smewwiet?